Challenge Application
Art 541 Kap 9

**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**(Il-Maġistrat tal-Għassa)**

**Spettur Jeffrey**
**Giuseppi Christopher**

**Vs.**

**Kummissarju tal-Pulizija**

**Rikors tal-Ispettur Jeffrey u ta` Giuseppi**
**Jesponu bir-rispett u bil-ġurament jikkonfermaw:**

Illi nhar it-22 ta' Diċembru 2011 għall-ħabta tat-3.50a.m. l-esponenti nnotaw grupp ta' tlett żgħażagħ li kienu qed iqaċċtu xi pjanti fi Triq Santu Wistin, San Ġiljan.

Illi meta ra hekk l-esponent Spettur Jeffrey ħass li kellu jwaqqafhom milli jkomplu jagħmlu tali ħsara kif ukoll għarrafhom li huwa kien qiegħed jagħmel dan fil-vesti tiegħu bħala Spettur fil-Korp tal-Pulizija Esekuttiva.

Illi minkejja din ir-reazzjoni ta' dawn it-tlett żgħażagħ kienet waħda litiġjuża u aggressiva tant illi tali atteġjament wassal sabiex l-esponenti mhux biss sfaw aggrediti iżda ukoll sofrew ġrieħi li ġew debitament ċertifikati.

Illi t-tlett żgħażagħ imsemmija huma aħwa u jirriżulta li jisimhom Matthew o (ID M)), Omar (ID (M)) u (ID (M)) li lkoll jirrisjedu f

Illi l-akkadut u l-aggressjoni mwettqa ġiet debitament irraportata mill-esponent lill-Pulizija Esekuttiva.

Illi minkejja tali rapport u minkejja intimazzjoni magħmula lill-intimat nhar id-29 ta' Diċembru 2011 (kopja annessa) l-intimat ma għadu istitwixxa ebda proċeduri ġudizzjarji u dan nonostante l-fatt li huwa risaput li meta jkun hemm sitwazzjonijiet simili ta' aggressjoni fuq uffiċjali pubbliċi l-persuni konċernati jitressqu b'arrest u b'urġenza sabiex iwieġbu għal tali egħmil.

Illi l-esponenti qegħdin bil-presenti iwettqu bil-ġurament ir-rapport tagħhom u jobbligaw ruħhom, taħt penali, f'somma li tiffissa din il-Qorti, li jagħtu fil-kawża eventwalment istitwita, jekk ikun imsejħin, ix-xhieda tagħhom, inkella li jipproduċu dawk il-provi kollha li

għandhom f'idejhom in konnessjoni ma dan il-każ u dan fit-termini tat-tieni provisio tal-Artikolu 541(1) tal-Kap 9.

Illi l-esponenti jissottomettu li huwa evidenti li r-rapport tagħhom huwa altroche prima facie ġustifikat u hemm lok għat-teħid ta' proċeduri ġudizzarji.

Għaldaqstant l-esponenti jitlobu umilment lil din il-Qorti tal-Maġistrati tordna lill-intimat sabiex jistitwixxi u jmexxi l-proċeduri meħtieġa fil-konfront tal-persuni fuq indikati għall-egħmil tagħhom fil-konfront tal-esponenti u dan kif ravviżat fl-Artikoli 96, 95, 221 u 325 tal-Kap 9 u/jew ta' kwalsiasi reati oħra li talvolta jirriżultaw li ġew mwettqa, u dan taħt dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni.

**Avv. Jc**

*Rikorrent:*